**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

---

**Rikors ippreżentat fis-27 ta’ Marzu 2015 – FS vs KESE**

**(Kawża F-50/15)**

(2015/C 190/44)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* FS (rappreżentanti: L. Levi u A. Tymen, avukati)

*Konvenut:* Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE)

**Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima**

Annullament tad-deċiżjoni li r-rikorrenti ma tiġix ikkonfermata fil-pożizzjoni ta’ kap ta’ unità u talba għad-danni għad-dannu materjali u morali allegatament imġarrab.

**Talbiet**

— jannulla d-deċiżjoni tal-25 ta’ Mejju 2014 tal-President tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) li ma tikkonfermax lir-rikorrenti fil-pożizzjoni ta’ kap ta’ unità;

— jannulla d-deċiżjoni tal-25 ta’ Mejju 2014 intitolata “Nota Nru 2” li tassenja mill-ġdid lir-rikorrenti f’pożizzjoni mhux amministrattiva;

— sa fejn ikun meħtieġ, jannulla d-deċiżjoni tat-18 ta’ Diċembru 2014, li tiċħad l-ilment tar-rikorrenti tal-21 ta’ Awwissu 2014;

— jikkumpensa d-dannu materjali u morali tar-rikorrenti;

— jikkundanna lill-KESE għall-ispejjeż kollha.

---

**Rikors ippreżentat fis-27 ta’ Marzu 2015 – FR vs EASA**

**(Kawża F-51/15)**

(2015/C 190/45)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* FR (rappreżentanti: L. Levi and A. Blot, avukati)

*Konvenuta:* L-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA)

**Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima**

Annullament tad-deċiżjoni li tkeċċi lir-rikorrent fi tmiem il-perijodu ta' prova tiegħu u talba għal kumpens fir-rigward tad-dannu materjali u morali allegatament subit.

**Talbiet**

— jannulla d-deċiżjoni tat-13 ta' Ġunju 2014;

— sa fejn ikun meħtieġ, jannulla d-deċiżjoni tat-18 ta' Diċembru 2014;

— bħala konsegwenza, jordna l-kumpens għall-preġudizzju materjali subit kieku r-rikorrent ma jkunx integrat mill-ġdid fl-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA);

— jikkundanna lill-EASA tħallas kumpens għad-dannu morali subit, evalwat *ex auquo et bono* u provviżorjament għal EUR 5 800;

— jikkundanna lill-EASA għall-ispejjeż.

---

**Rikors ippreżentat fis-7 ta' April 2015 – ZZ vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-52/15)**

(2015/C 190/46)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* ZZ (rappreżentanti: S. Rodrigues u A. Blot, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima**

L-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiċħad it-talba għal estensjoni tas-servizz tar-rikorrent u, għaldaqstant, li tikkonferma l-irtirar obbligatorju ta' dan tal-aħħar fil-31 ta' Ottubru 2014, u t-talba għad-danni bl-interessi għall-preġudizzju materjali allegatament subit kif ukoll is-somma ta' ewro bħala simbolu tal-kumpens għad-dannu morali allegat.

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni adottata mill-Awtorità tal-Ħatra tal-25 ta' Ġunju 2014, li tiċħad it-talba għal estensjoni tas-servizz tar-rikorrent u, għaldaqstant, li tikkonferma l-irtirar obbligatorju ta' dan tal-aħħar fil-31 ta' Ottubru 2014;

— tannulla, sa fejn dan ikun neċessarju, id-deċiżjoni ta' ċaħda tal-ilment tiegħu, tal-10 ta' Diċembru 2014 u nnotifikata lir-rikorrent fid-29 ta' Diċmebru 2014;

— tordna l-kumpens għad-dannu materjali subit mir-rikorrent li jirriżulta mid-deċiżjonijiet ikkontestati;